Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Fabian Borg |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku semma li kien hemm korezzjoni biex issir fejn hemm il-parti tal-bilboards.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Is-Sindku semma li tal-bilboards qatt ma kien applika mal-MEPA.

2.2 Il-Kunsillier Galea qal li l-MEPA xorta għadhom joħorġu permessi fuq bilboards.

2.3 Is-Sindku semma li huwa kien kellem lil avukat fuq il-każ imma dan għadu ma tax risposta fuq l-email li kien bagħatlu.

2.4 Il-Kunsillier Galea qal li l-ewwel ħaġa li trid issir hija li jitneħħa l-enforcement. Il-Kunsillier Hewitt semma li l-aħjar l-ewwel li naraw l-avukat x' parir jagħti.

2.5 Is-Sindku semma li fuq il-Bye Law huwa kien bagħat email lid-Direttur imma dan s' issa kien għadu ma taħx risposta.

**Ħamiem**

2.6 Is-Segretarju semma li huwa kien għamel kuntatt ma tal-ħamiem fejn dan kien talab biex jingħata l-lokazzjonijiet fejn dawn jinstabu. Is-Sindku qal li se nikkordinaw miegħu.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Attivita Kulturali**

3.1 Is-Sindku semma li se jkun hemm dawl għat tiżjin tal-Milied. Huwa semma li dan issir fil-postijiet tas-soltu. Il-Kunsilliera semmew li jistgħu jiġu miżjuda l-Pjazza ta fejn Reggie Miller, Triq Gerry Zammit u Turu Colombo.

3.2 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet meta l-Kunsill se jkun organiżżat b' mod li anki nistgħu norganiżżaw attivitajiet.

3.3 Is-Sindku semma li kien hemm l-applikazzjoni tal-Attivitajiet Kulturali imma ma ngħatajna xejn. Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma' Kunsilli oħra biex napplikkaw għal dawn l-attivitajiet bħala grupp. B' dan il-mod anki napplikkaw mat-tema tal-V18.

3.4 Is-Sindku semma li għall din is-sena jerġa jsir il-kunċert li dan normalment jiswa € 1,000 fl-okkażżjoni tal-Milied. Is-Sur. Borg qal li dan is-sena l-oħra kien sar ukoll u kien hemm ftehim biex il-Każin jingħataw € 2,000 għall attivita tas-Sajf u € 1,000 fil-Milied.

**Attivita għall persuni b' diżabilita**

3.5 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet kif kienet se tibqa fuq l-attivita għall persuni b' diżabilta. Hija qalet li waqt eżerċizzju ta komunikazzjoni b' korrispondenza li saret kien hemm database ta 75 persuna li rrispondew pero imbagħad attendew 45 waqt laqgħa.

3.6 Il-Kunsilliera Schembri qalet li jekk ikun hemm qbil, l-aħjar jkun li tipprepara ittra li titqassam u minn ikun interessat li jattendi jaqta parti apposta mill-ittra u jibgħatha lura lill-Kunsill. Hija qalet li dawn il-persuni b' diżabilta stess kienu li talbuha biex issir attivita għalihom għax kienet ilha ma ssir.

3.7 Il-Kunsilliera Schembri issuġġerriet li filkaż jew issir il-Kunsill jew inkella fiċ-Ċentru. Is-Sindku qallha li l-aħjar issir Savoy Gardens peress li fil-postijiet li semmiet hemm problema t' aċċessibilta.

3.8 Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija l-ewwel se tibgħat l-ittra biex tara kif se jkun il-feedback tagħhom u tkun tista torganiżża aħjar.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.9 Il-Kunsillier Chetcuti qal li huwa kien reġa bagħat lil George biex iġib it-tarmac. Kien hemm xi ħofor kbar fi Sliema Road, Bouverie u Edgar Bernard. Is-Sindku qal li l-aħjar inkellmu lil TM biex jieħdu ħsieb jirranġawhom.

3.10 Il-Kunsillier Cardona wera ritratt ta tappiera li kienet perikoluża peress li din kienet qed tinqala kull darba.

3.11 Il-Kunsillier Chetcuti qal li fuq iż-żebgħa kull darba konna qed indumu żmien twil biex il-kuntrattur iġġibilna u dan kien qed iħalli l-Kunsill pendenti fuqha. Is-Segretarju qal li nistgħu nippruvaw inġibu kwotazzjonijiet oħrajn biex il-Kunsill ikollu għażla.

3.12 Il-Kunsillier Chetcuti semma li fuq il-kuntratt tal-knies kien hemm progress.

3.13 Il-Kunsillier Cardona semma li n-naħa fejn hemm il-Milano Due din ma kinitx qed titnaddaf sew. Il-Kunsillier Chetcuti qal lill-Kunsillier Cardona biex imorru fuq il-post ħalli huwa stess jkellem lill-kennies.

3.14 Is-Sindku semma li kien hemm ittra biex jekk il-Kunsill Lokali jkun interessat jkun jista jinnomina persuna għall Premju Żgħażugħ tas-sena.

3.15 Is-Sindku ressaq ittra oħra fuq reserved parking bay li kien approvatt minn Review Panel for Reserved Parking.

3.16 Il-Kunsillier Cardona semma li kien kellmu l-Viċi Sindku biex forsi tintbagħat ittra fl-akkwata fejn hemm it-Times Gone By peress li kien qed jintrema ħafna żibel u jitħalla fuq il-bankina. Il-Kunsillier Chetcuti qal li it-triq hawn tippermetti sabiex ir-residenti jħallu ż-żibel taħt il-bankina.

**Talba għall Sponsor**

3.17 Il-Kunsillier Cardona semma li kien kellmu l-Kumitat tal-Pageant li qallu li kienu għadhom ma rċevewx konferma minn naħa tal-Kunsill fuq il-poster.

3.18 Il-Kunsillier Galea qal li l-Kappillan kien kellmu kemm il-darba fuq ir-reklam kif kien baqa l-Kunsill Lokali.

**Art biex tintuża mill-Iskola għal skop edukattiv**

3.19 Il-Kunsilliera Schembri semmiet li kien reġa kellimha tal-iskola fuq l-patch tal-ħamrija li kienet se tkun allokatta biex tintuża mit-tfal tal-iskola. Is-Sindku qallha biex tiltaqa ma tal-iskola u wara li jsibu post fejn terġa tkellem lilu.

**Librerija**

3.20 Is-Sindku semma li fuq il-librerija huwa kien se jkollu appuntament il-ġimgħa d-dieħla mal-FMS biex b' hekk parti mill-librerija tkun tista tgħaddi responsabilta mal-iskola.

**Lezzjonijiet ġewwa d-Daycentre**

3.21 Is-Sindku semma li kien hemm talba biex isiru l-cooking lessons u saqsa lill-Kunsilliera l-oħra jekk jaqblux biex b' hekk jinxtara cooker.

3.22 Il-Kunsillier Galea saqsa peress li dawn il-lezzjonijiet kienu dejjem qed isiru minn persuna waħda. Is-Segretarju semma li idealment il-Kunsill ikollu sejħa għall espressjonijiet t' interess biex jekk ikun hemm persuni oħra interessati jidħlu fiċ-ċans li jkunu jistgħu jagħtu servizz lill-Kunsill.

**4 PROGRESS**

**Traffic Management**

4.1 Is-Sur. Borg qal li kien hemm l-idea li jkun hemm traffic management ġdid anki peress li kien hemm ċertu talbiet minn naħa tal-iskola. Is-Sindku beda billi semma li fi Triq Edgar Bernard kien qed ikun hemm problema ta' konġestjoni.

4.2 Il-Kunsillier Galea saqsa kif kien sar dan l-eżerċizzju u x' kienet se tiggwadanja l-lokalita minnu.

4.3 Is-Sur. Borg spjega kif kienu se jitbiddlu xi lanes biex minn naħa ta' Triq Edgar Bernard titnaqqas il-konġestjoni.

4.4 Kien hemm diskussjoni fost il-Kunsilliera fejn huma qallu li nistgħu nimplimentaw bi żmien ta prova.

4.5 Is-Sur. Borg wera traffic management ieħor fejn kien hemm diskuss proposta biex parti minn Rue d' Argens tinbiddel fi three lane.

4.6 Il-Kunsillier Hewitt semma li kif kien se jsir se tinħoloq problema bil-parkeġġ. Huwa qal li rridu naraw hux aktar importanti li nsolvu l-problema tal-konġestjoni jew il-parkeġġ.

4.7 Il-Kunsillier Hewitt semma li fi Triq il-Kubritt issa se tinħoloq problema peress li din dejqa u jkun irid jgħaddi ċertu volum ta traffiku.

4.8 Is-Sindku ippropona biex Triq il-Kubrit jitħalla d-direzzjoni kif inhu tat-traffiku. Is-Sindku semma li Triq Manoel de Vilhena jinbiddel id-direzzjoni tat-traffiku.

4.9 Kien hemm preżentazzjoni oħra fuq it-toroq li hemm fil-madwar ta Triq Gerry Zammit fejn il-karozzi li jkunu telgħin lejn tal-Qroqq jgħaddu minn toroq one way.

4.10 Il-Kunsillier Hewitt semma biex Triq Luqa Briffa issir one way u t-triq li hemm warajha issir one way bil-kontra biex ikun hemm passaġġ ċirkolari.

4.11 Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan it-traffic management għandu jkun implimentat.

**Il-Kunsilliera Schembri u l-Kunsillier Hewitt avżaw li kellhom jitilqu waqt il-laqgħa minħabba impennji personali fit-8.15 pm.**

**Ħaddiema tal-Kunsill**

4.12 Is-Sur. Galea saqsa rigward Marion Monaco li kienet qed tagħti servizz lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi meżż kif din terġa tiġi ingaġġata lura fil-Kunsill Lokali. Is-Segretarju semma li huma diġa kien kellmu lid-Dipartiment u s-Sindku kien bagħat email lid-Direttur. Huwa qal li l-aħjar ħaġa tkun li mmorru inkellmu lid-Direttur wiċċ imb' wiċċ. Il-Kunsilliera preżenti qablu li Marion Monaco terġa tkun reinstated fil-Kunsill.

4.13 Is-Sindku semma li Denise Vella li għadha kif kienet ingaġġata mal-Kunsill Lokali kienet qed iddum ħafna fuq xogħolha speċjalment il-permessi. Huwa qal li anki l-kolleggi l-oħra kienu kellmuha fuq l-aġir tagħha. Huwa qal li kien se jkellimha biex hija tibda tirsisti aktar fuq xogħolha.

4.14 Is-Segretarju saqsa kif konna se nibqgħu fuq il-persuna li kellha tkun ingaġġata fuq skala 15. Huwa reġa fakkar x' kien ġara meta konna għaddejin fuq il-proċess. Il-Kunsilliera iddiskuttew dan l-item u qablu li din terġa toħroġ sejħa oħra peress li l-Kunsill kellu bżonn persuna li tista titgħallem dan ix-xogħol malajr u jkollha tatika kif tilqa n-nies.

**5 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Ma kienx hemm ħlasijiet għall din il-laqgħa.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 fit-8.45 pm. Kien hemm il-perjodu ta tlett ġimgħat propost għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum _______________________ 2015.

_____________________ Conrad Borg Manché
Sindku

___________________ Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv